MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2008

Numru. 298/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**

**KONTRA**

**ANTHONY CUSHCIERI**
**GERANZIO CUSCHIERI**
**JOSEPH BALDACCHINO**
**EMANUEL BALDACCHINO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Anthony Cuschieri ta’ 58 sena, bin Anthony u Carmela nee’ Conti, mwieled Qormi nhar il- 21 ta’ Marzu 1949, u residenti fil-fond 99 , Hasan, Triq Guze Ellul Mercer, Qormi, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 328349(M);

Geranzio Cuschieri ta’ 56 sena, bin Anthony u Carmela nee’ Conti, mwieled Qormi nhar il- 19 ta’ Mejju 1950, u residenti fil-fond Gerin House , Triq id- Dielja, Qormi, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 466450(M);

Joseph Baldacchino ta’ 61 sena, bin Paul u Vincenza nee’ Camilleri, mwieled Qormi nhar il- 29 ta’ Gunju 1945, u residenti fil-fond St. Rita , Triq il- Mejjilla, Qormi, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 573645(M);

Emanuel Baldacchino ta’ 52 sena, bin Paul u Vincenza nee’ Camilleri, mwieled Qormi nhar il- 11 ta’ Mejju 1954, u residenti fil-fond St. Paul , Triq Pietru Felici, Qormi, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 411554(M);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Lil Anthony Cuschieri, Geranzio Cuschieri u Emanuel Baldaccino wahidhom:

Talli:

Nhar id- 9 ta’ Mejju 2005, ghall- habta tas- 18.00, gewwa x- Xaghra tal- Qortin fil- Bahrija limiti tar- Rabat (Malta) ikkagunaw feriti ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ John Portelli kif gie iccertifikat mit- tobba Dr. Miriam Vella MD u Dr. Stephen Muscat MD.

Lil Joseph Baldacchino wahdu:

Talli:

Nhar id- 9 ta’ Mejju 2005, ghall- habta tas- 18.00, gewwa x- Xaghra tal- Qortin fil- Bahrija limiti tar- Rabat (Malta) ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Angelo Portelli kif gie iccertifikat mit- tabib Dr. Stephen Muscat MD.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-incident mertu ta’ din il-kawza sehh waqt li kien qed isir access minn perit tal-Qorti fuq kawza civili. Jirrizulta li l-imputati u l-vittmi *‘parte civile’* f’dan il-kaz ghandhom kwistjoni, flimkien ma’ bosta terzi, dwar titolu ta’ proprjeta’ ta’ diversi ghelieqi fil-limiti tal-Bahrija, ezatt fejn gara l-incident.

Mill-provi mressqa miz-zewg nahat irrizulta li dak inhar waqt dan l-access fuq il-post, bdew jinghadu xi kummenti miz-zewg nahat, inkluzi minn terzi li m’humiex parti f’dawn il-proceduri, u f’daqqa’ wahda spiccaw gew fl-idejn l-imputati u l-‘*parte civile’* u persuni ohra presenti. F’dan kollu, sofrew griehi kemm Angelo Portelli u John Portelli, kif ukoll l-imputati. Mill-istess provi, izda, il-Qorti ma tarax li l-imputati ghandhom jinstabu hatja ta’ dawn l-imputazzjonijiet. Qabel xejn, l-imputazzjoni kontra Joseph Baldacchino wahdu li kkaguna ferita hafifa fuq Angelo Portelli assolutament ma rrizultatx. Dan jidher li hu accettat anke mill-prosekuzzjoni, u ghalhekk ma hemmx x’wiehed ghandu x’jzid fuq din l-imputazzjoni. Konsegwentement l-imputat Joseph Baldacchino ghandu jigi liberat, u l-Qorti issa tista’ tiffoka biss fuq l-ewwel imputazzjoni fil-konfront tat-tliet imputati l-ohra.

Fit-tieni lok, fil-fehma tal-Qorti ma giex ippruvat min mit-tliet imputati l-ohra aggredixxa lil John Portelli u

ikkagunalu ferita hafifa. Hija sfortuna li l-uniku xhud imparzjali f'dan kollu, il-perit Joe Ellul Vincenti, xehed li ma ra xejn minn din il-glieda. Il-Qorti ghalhekk qieghda tifhem li l-incident innifsu ma kienx wiehed gravi – minkejja l-imputazzjoni ta' feriti gravi – u forsi dam ftit sekondi b'kollox, sakemm is-sitwazzjoni giet lura ghan-normal. L-anqas ma kienu cari Portelli dwar min mill-imputati aggredixxa lilhom. Li hu zgur hu li t-tliet imputati ma darux ghal fuq John Portelli u kkagunawlu l-offiza gravi li hu sofra. Ghalhekk, fin-nuqqas ta' prova cara u univoka ta' min mit-tliet imputati wettaq l-offiza gravi fuq Portelli, il-Qorti ma tistax issib htija kollettiva fihom.

Inoltre, u dan ukoll hu indikattiv hafna fil-fehma tal-Qorti, l-imputati fix-xhieda taghhom qalu li huma kienu talbu lill-perit tal-Qorti Civili sabiex ikun hemm mil-presenza u l-assistenza tal-pulizija waqt dan l-access, ghax kienu basru li bil-partijiet kollha presenti fuq il-post seta' inqala' l-inkwiet. Dan juri li l-imputati ghamlu minn kollox biex jevitaw li jkun hemm incidenti waqt l-access, u allura l-Qorti difficilment tara li kienu l-imputati li bdew il-glied huma.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 216 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputati imsemmijin hatja u ghaldaqstant tilliberhom.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------